# TLS4 Quick Start Guide

VEEDER-ROOT

## Eżempju TLS4 Home Screen-1 tat-Tank Immonitorjat, Twissija 1




12/20/2012 06:01 PM **Data u Ħin tas-Sistema**

Overview Tank Overview **Bread Crumbs -** Mogħdija tal-menu għall-iskrin attwali - miss it-tab ta' qabel biex tmur lura għall-Menu Selection dialog (għażla tal-menu).

Print (0) **Buttuna tal-print** - Miss biex tistampa rapport tal-iskrin attwali jekk għandek printer ikkonfigurat fuq is-sistema tiegħek. Jekk għandek iżjed minn printer wieħed ikkonfigurat tkun imħeġġeġ tagħżel printer. NOTA: Numru f'parentesi jindika n-numru ta' kompiti tal-istampar mibgħuta lill-printer u li qed jistennew biex jiġu stampati.

## Dwal tal-Istatus tal-Panil ta' Quddiem tat-TLS4




## Eżempju tan-Notifiki tal-Istatus Bar

SYSTEM STATUS 0 Warning(s) 0 Alarms(s) Power On għall-konsol u l-ebda twissija jew allarm mis-sistema.

PM 8: SETUP DATA WARNING 1 Warning(s) 0 Alarms(s) Xi ħaġa teħtieġ li tiġi riveduta u/jew ivvalutata. F'dan l-istat, jekk tmiss l-istatus/warning bar tmur fuq l-iskrin Reports > Alarms > Active u tkun tista' tara l-kawża tat-twissija. F'dak l-iskrin, jekk terġa' tmiss l-istatus/warning bar tirrikonoxxi t-twissija u l-beeper jintefa.

L 10: FUEL ALARM 0 Warning(s) 1 Alarms(s) Xi ħaġa teħtieġ azzjoni immedjata. F'dan l-istat, jekk tmiss l-istatus bar/warning bar tmur fuq l-iskrin Reports > Alarms > Active u tkun tista' tara l-kawża tat-twissija. F'dak l-iskrin, jekk terġa' tmiss l-istatus/warning bar tirrikonoxxi t-twissija u l-beeper jintefa.

SAVING 0 Warning(s) 0 Alarms(s) Bar tal-messaġġi tal-kompiti tas-sistema.

## Ikoni tas-Sistema

**Ikona tal-Iskrin Ewlieni** - Miss biex tinnaviga l-iskrin ewlieni. Id-default huwa l-iskrin tat-Tank Overview (muri fuq ix-xellug).

**Ikona tal-Iskrin tal-Favorites** - Miss biex tissettja/taċċessa l-iskrins favoriti tiegħek u agħżel liema skrin se jkun l-iskrin ewlieni (default):

Miss biex iżżid l-iskrin attwali mal-lista tal-Favorites tiegħek. Jista' jkollok iżjed minn skrin wieħed tal-Favourites. Jekk trid tħassar skrin mil-lista tal-Favourites tiegħek, miss ⊗ ħdejn dak l-iskrin.

Miss biex tistabbilixxi l-iskrin attwali bħala l-iskrin ewlieni.

**Ikona tal-Menu** - Miss biex taċċessa l-iskrins tal-Menu tas-Setup tas-Sistema, tar-Rapporti, tad-Dijanjostika u oħrajn (aċċess assenjat mill-Amministratur).

**Ikona tal-Azzjonijiet** - Miss biex taċċessa l-Help. Miss l-ikona tal-Help ? biex tiftaħ l-On-Board Help. Barra dan, jekk il-karatteristika tax-Shifts hija ssettjata, jekk tmiss l-ikona tal-Actions (azzjonijiet) dan ser juri l-ikona tal-Close Shift li tista' tintmiss biex tagħlaq shift.

Mhux relatat mal-għażliet ta' hawn fuq, meta ddaħħal dejta fi kwalunkwe skrin, ser jidher Ċirku Aħmar fuq l-ikona tal-Actions biex jindika li jistgħu jitwettqu kompiti addizzjonali fuq dak l-iskrin.

**Ikoni li Jiddependu fuq l-Iskrin** - In-numru fiċ-ċirku taħt l-ikona Actions jindika t-tagħmir li qed tara jew tissettja. Jekk tmiss in-numru fiċ-ċirku tara t-tagħmir simili kollu f'ringiela flimkien mal-qiegħ tal-iskrin (tankijiet oħra, ports, sondi, eċċ) li ssettjajt. Jekk terġa' tmiss in-numru fiċ-ċirku r-ringiela tal-ikoni tat-tagħmir tinħeba. Ikona li hija highlighted tindika l-apparat li qed tara jew tissettja. Uħud mill-ikoni tat-tagħmir li tista' tara huma murija hawn taħt.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Apparat | Tank | Eternet Port | Sonda | Prodott | Rilej |
| | Estern Input | Senser | Printer | Sett tas-Sifun | Serje Port |

**Isem tal-Attribut*** Asterisk (*) ħdejn attribut jindika li biddilt entrata għal dak l-attribut qabel ma tkun aċċettajt jew issejvjajt il-bidla fid-dialog window.

✓ Miss biex taċċetta/tissejvja l-entrati li tkun għamilt fid-dialog window.

✕ Miss biex toħroġ jew tikkanċella mingħajr ma tissejvja kwalunkwe entrata li biddilt li tista' tkun għamilt f'dialog window.

## Login tas-Sigurtà

Login [Jekk il-Karatteristika tas-Sigurtà tal-konsol hija Attivata] - Miss il-buttuna tal-Login biex tiftaħ l-iskrin tal-login sabiex tkun tista' tagħmel login bħala utent.




Meta jidher l-iskrin ta' hawn fuq, agħmel log in fis-sistema bil-Username u l-Password tiegħek. AVVIŻ: Jekk ma tagħmilx log in, inti tkun tista' tara biss l-iskrins tal-istatus tas-sistema u tistampa r-rapporti tal-utent aħħari.

Logout Miss il-buttuna tal-Logout biex toħroġ mill-konsol. AVVIŻ: Jekk il-konsol ikun inattiv għal 15-il minuta, il-konsol jagħmel log out awtomatiku. Tkun teħtieġ terġa' tagħmel log in biex taċċessa l-kont tal-utent tiegħek.

## L-użu tal-On-Board Help

**Avviż: L-on-board help japplika għal tipi ta' konsols multipli - mhux il-karatteristiċi kollha tal-help ser japplikaw għall-konsols kollha.**

**Idħol fl-On-Board Help**:

- Meta tidħol fil-Help, is-suġġett assoċjat mal-iskrin li jkun qed jintwera fil-preżent ser ikun viżibbli. Miss ripetutament il-vleġeġ 'il fuq/l-isfel tal-iscroll bar tal-ġenb biex tiskrollja suġġett. Tista' wkoll iċċaqlaq u tesplora suġġett. Miss l-"X" fil-kantuniera tal-lemin tat-title bar tal-iskrin tal-Help biex tmur lura għall-iskrin tat-TLS4 li kont qed tara.
- Biex turi jew taħbi l-kaxxa tat-Table of Contents (TOC, Werrej) tal-help fuq ix-xellug tal-iskrin - Taptap malajr it-test (Show TOC jew Hide TOC) darbtejn b'subgħajk.
- Biex tespandi ( ) jew tagħlaq ( ) ktieb - Miss l-ikona tal-ktieb darba b'subgħajk.
- Biex tmur fuq suġġett ( ) fil-ktieb - Taptap malajr is-suġġett tal-ktieb darbtejn b'subgħajk.
- Miss l-iscroll bar tat-TOC tal-ġenb, u jew ċaqlaq subgħajk 'il fuq (biex tiskrollja 'l isfel) jew ċaqlaq subgħajk 'l isfel (biex tiskrollja 'l fuq).
- Miss ripetutament il-vleġġa 'l fuq tal-iscroll bar tat-TOC tal-ġenb biex tiskrollja 'l fuq, jew miss ripetutament il-vleġġa 'l isfel tal-iscroll bar tal-ġenb biex tiskrollja 'l isfel.

©Veeder-Root 2016. Id-Drittijiet Kollha Riżervati.

Manwal Nru: **577014-174**, Reviżjoni: **A**
MALTESE

# TLS4 Quick Start Guide

## TLS4 Comm Ports - Menu>Setup> Communication

Id-dijagramma ta' hawn taħt turi l-opzjonijiet tal-Comm Port. Il-konfigurazzjoni tal-Comm Port tal-konsol ser tiddependi fuq il-karatteristiċi li ordnajt.




## Settings tal-Limiti tal-Allarm - Menu>Setup>Tank>Limits

Id-dijagramma ta' hawn taħt turi l-pożizzjoni relattiva tas-settings (tal-Limiti) tal-allarm tat-tank.




## Biex Tikkonfigura Port tal-Eternet - Menu>Setup>Communication>Ethernet Port




Miss Actions>Help minn dan l-iskrin għal għajnuna fis-setup.

## Għal Backup tad-Dejta - Menu>Software Maintenance>DB Backup




Daħħal it-thumb drive tiegħek (minimu ta' 4 GB) f'port tal-USB u miss il-vleġġa li tħares 'l isfel fl-attribut Backup Destination biex tagħżel it-thumb drive, imbagħad segwi l-istruzzjonijiet fuq l-iskrin biex tagħmel backup tad-dejta tat-TLS4.

Għandek twettaq DB Backup kull ġimgħa.

## Il-Verżjoni tas-Software tat-TLS4 - Menu>Overview>About




Miss **Actions>Help** minn dan l-iskrin għal informazzjoni dwar il-kontenut.

## Biex Tniżżel is-Software - Menu>Software Maintenance>Upgrade




Daħħal it-thumb drive tal-Kodiċi V-R validu tiegħek f'port tal-USB u miss il-vleġġa 'l isfel fl-attribut Backup Destination biex tagħżel it-thumb drive, imbagħad segwi l-istruzzjonijiet fuq l-iskrin biex tibda d-download.

## Workflow Wizard

Workflow Wizard hija applikazzjoni fit-TLS4 li tiggwida l-utent permezz tal-iskrins tas-setup rakkomandati minn Veeder-Root matul l-ikkummissjonar tal-bidu tal-konsol.

Mit-touch screen tal-konsol tista' taċċessa l-Workflow Wizard Setup billi tmiss Menu>Setup>Workflow Wizard>Setup Workflow.

## Ir-Rotot għall-Iskrins Użati Frekwentement

**Definizzjonijiet tal-Allarmi** - Actions>Help>Show TOC> Home>Troubleshooting> Alarms and Warnings

**Biex Tara t-Tikketti tal-Allarm Normali** - Menu>Setup> Custom Alarms>View

**Biex Tikkonfigura Printer** - Menu>Setup>Printers

**Għal Kunsinna Manwali** - Menu>Reports>Delivery>Manual Delivery

**Biex Iddaħħal Riċevitur tal-Email Ġdid** - Menu>Setup> Automatic Events>Address Book

**Biex Tissettja d-Data u l-Ħin** - Menu>Setup>Date and Time

**Għal Kunsinna Ticketed** - Menu>Reports>Delivery>Manual Delivery

**Karatteristiċi ta' Aġġornament** - Menu>Software Maintenance>Upgrade Features

**Kif Tuża l-On-Screen Keyboard** - Actions>Help>Show TOC>Home>How To Use On-Screen Keyboard

**Ara r-Rapport tal-Kunsinni** - Menu>Reports>Delivery> Last Delivery

**Ara r-Rapporti** - Menu>Reports

**Ara l-Help** - Actions>Help

## Suġġetti ta' Interess tal-On-board Help - Actions>Help

- **Kif tifhem l-ATG** -Din it-taqsima tal-help tispjega l-karatteristiċi fundamentali tal-gejġijiet awtomatiċi tat-tank (ATG) kif implimentati minn Veeder-Root.
- **Konfigurazzjoni u Manutenzjoni** - Din il-gwida tiddiskuti l-Comm Ports, is-Sekwenza tas-Setup Inizjali tal-konsol, u r-rakkomandazzjonijiet għal Manutenzjoni Perjodika.
- **Merħba (Intro għall-Help), Ikoni tal-Iskrin, Tastieri tal-On-Screen, u Navigazzjoni tat-Touchscreen** huma suġġetti ta' għajnuna essenzjali li tista' tara fil-Werrej tal-On-Board Help.
- **Reference Tables** - (Tabelli ta' referenza) Din it-taqsima tal-help fiha suġġetti li jkopru varjetà wiesgħa ta' informazzjoni utli, fjusijiet sostitwibbli, akronomi tal-V-R, identifikaturi tat-tagħmir tas-sistema, informazzjoni għall-kalkolu tal-inklinazzjoni tat-tank, dejta tad-DIM, eċċ.

## Numri tas-Serje u tal-Forma tal-Konsol

Ikteb in-Numri tal-Forma u tas-Serje mit-tikketta fuq l-għata tal-konsol biex tirreferi għalihom fil-futur:

Numru tal-Forma: ______________________________

Numru tas-Serje: ______________________________